A.L. 162 ta' l-1990

ATT TA' L-1989 DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU (ATT NRU. IX TA' L-1989)

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Ordni ta' l-1990 li Jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 ta' l-Att ta' l-1989 dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1990 li Jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, u l-emendi li jseħħu bih għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Kap. 65.

Jemenda l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minnufih qabel it-tifsira ta' "lanċa" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

"il-kliem "Awtorità" u "Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku" ifissru l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku imwaqqfa bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1989 dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku;"; u

Att Nru. IX ta' l-1989.

(b) minnufih wara t-tifsira ta' "sid" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

"il-kliem "trasport pubbliku" għandhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom bl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1989 dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku;

il-kliem "vettura tat-trasport pubbliku" għandhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom bl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1989 dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku.".

Jemenda l-artikolu 3 tal-liġi prinċipali.

3. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "f'dak l-ordni." għandhom jidħlu l-kliem "f'dak l-ordni:"; u

(b) minnufih fi tmiem is-subartikolu għandu jidħol dan il-proviso li ġej:—

"Iżda fil-każ ta' vetturi tat-trasport pubbliku, is-setgħa fuq imsemmija tiġi eżerċitata biss mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku.".

Jemenda l-artikolu 4 tal-liġi prinċipali.

4. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 4 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "u t-trasport tal-passiġġieri jew oġġetti" għandhom jidħlu l-kliem "u t-trasport ta' oġġetti".

Jemenda l-artikolu 5 tal-liġi prinċipali.

5. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 għandu jidħol dan li ġej:—

"(1) L-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku tista' minn żmien għal żmien, għall-organizzazzjoni aħjar tas-servizz tat-trasport tal-passiġġieri bil-*motor buses* jew bil-laneċ, tagħmel dan li ġej kollu jew kull waħda minnu:

(a) tistabbilixxi linji għat-trasport ta' passiġġieri minn parti għall-oħra ta' Malta, jew minn gżira għall-oħra;

(b) tgħaqqad fi grupp żewġ linji jew iżjed jew il-linji kollha;

(ċ) tistabbilixxi liema *motor buses* għandhom jaħdmu fuq kull linja tali;

(d) tagħti s-servizz fuq kull linja tali lil xi kumpanija jew kumpaniji u, jew lil xi persuna jew persuni individwali;

(e) tibdel, tħassar jew tirrevoka kull linja tali jew kull grupp ta' linji jew kull għoti ta' servizz tagħhom fuqhom,

u tista' tagħmel hekk taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Awtorità tista' tordna; u fl-għoti ta' servizz taħt dan l-artikolu l-Awtorità tista' tagħti dak is-servizz bl-esklużjoni ta' kull kumpanija jew kumpaniji oħra jew kull persuna jew persuni individwali oħra.".

Jemenda l-artikolu 6 tal-liġi prinċipali.

6. L-artikolu 6 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok il-kliem "mill-Kummissarju tal-Pulizija" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku"; u

(b) minflok il-kliem minn "kondizzjonijiet tal-kuntratt" sa "li għandu jagħmel." għandhom jidħlu l-kliem "kondizzjonijiet tal-kuntratt bejn l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku u dik il-persuna jew dawk il-persuni li lilhom ikun ingħata s-servizz, u taħt il-kondizzjonijiet l-oħra li l-Awtorità jidhrilha li għandha tagħmel.".

Jemenda l-artikolu 7 tal-liġi prinċipali.

7. Fl-artikolu 7 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "diskrezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, bil-parir tal-Bord, taħt" għandhom jidħlu l-kliem "diskrezzjoni ta' l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku taħt".

Jemenda l-artikolu 8 tal-liġi prinċipali.

8. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 8 tal-liġi prinċipali, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(3) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) dan l-artikolu, l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku tista' taħtar uffiċjali tagħha bħala spetturi tat-traffiku, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din l-Ordinanza wkoll imsejħa "spetturi", biex jassiguraw l-osservanza tal-liġijiet u tar-regolamenti dwar it-trasport pubbliku, u l-uffiċjali hekk maħtura

jkollhom il-funzjonijiet u d-dmirijiet li jiġu jew li jistgħu jiġu assenjati lilhom mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku.".

Jemenda l-artikolu 10 tal-liġi prinċipali.

9. Fl-artikolu 10 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "bejn il-Bord u" għandhom jidħlu l-kliem "bejn l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku u".

Jemenda l-artikolu 13 tal-liġi prinċipali.

10. L-artikolu 13 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok il-kliem "Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' " għandhom jidħlu il-kliem "L-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku tista' ";

(b) minflok il-kliem "illi l-Kummissarju jistabbilixxi" għandhom jidħlu l-kliem "illi l-Awtorità tistabbilixxi"; u

(ċ) minflok il-kliem "bejn il-Bord u" għandhom jidħlu l-kliem "bejn l-Awtorità u".

Jemenda l-artikolu 14 tal-liġi prinċipali.

11. L-artikolu 14 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem minn "il-Kummissarju tal-Pulizija" sa "kull uffiċjal tal-Pulizija" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku tista' taqbad, tieħu pussess u tuża kull *motor-car* tal-kiri, *motor bus* jew vettura oħra jew lanċa u għal dan l-iskop tista' tawtorizza lil kull uffiċjal tal-Pulizija";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "li l-Bord jiffissa" għandhom jidħlu l-kliem "li l-Awtorità tiffissa"; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "Mid-deċiżjoni tal-Bord" għandhom jidħlu l-kliem "Mid-deċiżjoni ta' l-Awtorità".

Jemenda l-artikolu 15 tal-liġi prinċipali.

12. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 minflok il-kliem "lilu mill-Pulizija; jew" għandhom jidħlu l-kliem "lilu mill-Pulizija jew mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku; jew".

Jemenda l-artikolu 16 tal-liġi prinċipali.

13. L-artikolu 16 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "mill-Kummissarju tal-Pulizija," għandhom jidħlu l-kliem "mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku,"; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "mill-Kummissarju tal-Pulizija," għandhom jidħlu l-kliem "mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku,".

Jemenda l-artikolu 17 tal-liġi prinċipali.

14. L-artikolu 17 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) (a) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu, il-Kummissarju tal-Pulizija jkollu s-setgħa skond il-liġi sabiex, bil-parir tal-Bord, jagħmel regolamenti

dwar traffiku fit-triq u t-trasport ta' oġġetti sew bl-art kemm bil-baħar fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex jew bejn ġżira waħda u oħra.

(b) L-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku ikollha s-setgħa skond il-liġi sabiex tagħmel regolamenti dwar it-trasport pubbliku."; u

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "tas-setgħa hawn" għandhom jidħlu l-kliem "tas-setgħat hawn";

(ii) fit-test Malti tal-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "biex jippreskrivi" għandhom jidħlu l-kliem "biex jippreskrivu";

(iii) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "mill-Kummissarju tal-Pulizija;" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, skond il-każ;"; u

(iv) fil-paragrafu (f) tiegħu, minflok il-kliem "lill-Kummissarju tal-Pulizija;" għandhom jidħlu l-kliem "lill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku;".

Jemenda l-artikolu 18 tal-liġi prinċipali.

15. Is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 18 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fil-paragrafu (a), fis-subparagrafu (i) tal-proviso tiegħu, minflok il-kliem "mill-Kummissarju tal-Pulizija" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku";

(b) fil-paragrafu (b), fis-subparagrafu (i) tiegħu, minflok il-kliem "lill-Kummissarju tal-Pulizija" għandhom jidħlu l-kliem "lill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku"; u

(ċ) fil-paragrafu (b), fis-subparagrafu (ii) tiegħu, minflok il-kliem "lill-Kummissarju tal-Pulizija," għandhom jidħlu l-kliem "lill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku,".

Interpretazzjoni.

16. Fl-interpretazzjoni ta' dan l-ordni, għandhom jitqiesu wkoll id-dispożizzjonijiet tal-proviso li jinsab mas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 28 ta' l-Att ta' l-1989 dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku.